MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta tas-6 ta' Gunju, 2011

Appell Kriminali Numru. 492/2010

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Joanne Darmanin**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli meta b'diversi atti maghmulin minnha, wkoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, nhar it-18 ta' Lulju 2010 u nhar il-21 ta' Lulju 2010 meta hekk ordnata mill-Qorti jew marbuta bil-kuntratt biex tagħti access lil Carmel Darmanin għal uliedhom, irrifjutat li tagħmel hekk mingħajr raġuni xierqa.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-8 ta' Novembru, 2010, li biha, wara li rat l-artikolu 338(II), 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta'

Malta, sabet lill-appellanti ħatja w għaldaqstant ikkundannatha ġimgħa detenzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellanti (I.D no. 183674M) minnha ppreżentat fit-18 ta' Novembru, 2010, li bih talbet li din il-Qorti jogħġobha tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata w tillibera lill-appellanti minn kull htija w piena, jew fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju tvarja s-sentenza appellata billi tirreduci l-piena nflitta mill-Ewwel Qorti u dan tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellanti fil-qosor, huwa s-segwenti w ċioe':-

Illi fl-ewwel lok u in linea preliminari, l-appellanti tissottometti li s-sentenza appellata hija nulla w dan ghar-raguni, li kif jirrizxulta mill-komparixxi, li qeghda tigi annessa, s-sentenza tghid biss "Gimgha Detenzjoni". Illi di fatti l-appellanti nghatat biss fotokopja tal-komparixxi u fuq din il-kopja ma hemm l-ebda dikjarazzjoni ta' htija o meno tal-imputata u lanqas ma huma ndikati l-artikoli tal-ligi li tahtom kienet instabet ħatja l-appellanti. Illi mhuwiex car kif il-Qorti waslet ghal konklużjoni tagħha, u dan għaliex hija baqgħet ma ngħatatx kopja tas-sentenza motivata. Illi skond il-gurisprudenza nostrana, n-nuqqas li jigu rispettati strettament ir-rekwiziti stabbiliti fl-artikolu 382 tal-Kap. 9 jimporta n-nullita` tas-sentenza appellata, u dan minħabba li dan in-nuqqas jammonta għal nuqqas ta' formalita` sostanzjali ai termini tal-artikolu 428(3) tal-Kap. 9

Illi l-appellanti tirrileva illi wkoll sabiex jiħi determinat jekk sentenza hija nulla jew le, wieħed irid ihares lejn il-forma taghha a tempo vergine.

Illi fit-tieni lok, ukoll in linea preliminari u dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti tirrileva li filwaqt

illi mill-komparixxi, li kif inghad aktar ‘il fuq hija l-unika sentenza li l-esponenti kellha f’idejha meta ntavolat dan l-appell, jirrizulta li l-esponenti giet ikkundannata ghal gimgha detenzjoni, meta nghatat is-sentenza a tempo vergine, il-Magistrat ikkundannaha ghal gimgha detenzjoni komplessivament fuq zewg akkuzi, u cioe kemm l-akkuza mertu ta’ dan l-appell kif ukoll akkuza ohra relatata, konċernanti nuqqas ta’ access fil-15 ta’ Awissu 2010, 18 ta’ Awissu 2010 u fil-21 ta’ Awissu 2010, liema kawzi mstemghu fl-istess hin, u fir-rigward ta’ liema qieghed jigi interpost appell kontestwalment.

Illi l-esposnenti tissottometti li skond l-artikolu 382 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Ewwel Qorti meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat għandha tgħid il-fatti li tagħhom huwa jkun gie misjub ħati, tagħti l-piena u ssemmi l-artikoli tal-Kodiċi Kriminali jew ta’ kull liġi ohra li tkun tikkontempla r-reat.

Illi fit-tielet lok, l-esponenti tħoss illi jekk xi ħadd igib bi provi in difeża li kien hemm raġuni valida biex tiġġustifika n-nuqqas taghha, u dan kif jintwera fl-iżvolgiment ta’ dan ir-rikors, hi ma tistax tinstab hatja tar-reat kontemplat fl-artikolu 338(II) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi sussidjarjament, u mingħajr preġudizzju għal dak kollu fuq suespost, l-esponenti tissottometti li f’kaz illi din il-Qorti ma taċċettax l-aggravji surreferiti, l-piena li giet applikata fil-kaz odjern hija wahda eċċessiva u ħarxa u dan kif ser jirriżulta fit-trattazzjoni tal-kaz. Illi l-appellanta tħoss li għandu jkun hemm temperament fil-piena li tirrispekja l-fedina penali tagħha u li tieħu kont taċ-ċirkostanzi tal-każ.

Ikkonsidrat

**L-ewwel Aggravju**

L-ewwel aggravju tal-appellant huwa dwar in-nullita’ tas-sentenza minħabba li ma fihiex ir-rekwiżiti kollha li jitlob l-artikolu 382 tal-Kap 9.

Il-Qorti eżaminat kemm il-komparixxi kif ukoll is-sentenza dattilografata. L-appellant ingħata kopja tal-komparixxi biss.

Fil-kopja dattilografata jirriżulta li hemm kemm il-kundanna kif ukoll l-artikoli kif jitlob l-artikolu 382. Il-Liġi ma tesiġix li dawn id-dettalji jridu jidhru bilfors fuq is-sentenza a proprio pugno. L-importanti li jidhru x'imkien f'xi kopja aktar sistematika tas-sentenza.

F'dan l-aggravju l-appellant jissottometti wkoll li m'hemmx il-motivazzjoni fis-sentenza. Issa skont l-istess artikolu 382 tal-Kap 9 kif ukoll skont ġurisprudenza kostanti, dan l-artikolu ma jesiġix li s-sentenza li tingħata (u dan jgħodd ukoll għall-Qorti Kriminali) jkollha xi motivazzjoni.

Għaldaqstant, dan l-ewwel aggravju tal-appellant qed ikun respint.

**It-Tieni Aggravju**

It-tieni aggravju tal-appellant li huwa ngħata kopja ta' sentenza **waħda** għaliex iż-żewġ kawżi nstemgħu **kontestwalment.** Issa spiċċa b'żewġ sentenzi. Barra dan, is-sentenza għandha ssemmi l-fatti li wieħed ikun instab ħati tagħhom.

Minn wieħed mill-verbali tal-atti, tassew jirriżulta li l-provi nstemgħu kontestwalment. Dan ifisser li x-xhieda li tingħata tkun tgħodd kemm għal kawża kif ukoll għall-oħra la jkunu qegħdin jinstemgħu fl-istess jum u quddiem l-istess ġudikant. Iżda s-smigħ kontestwalment ma jfissirx li għandha tingħata sentenza waħda għaliex xorta l-ġudikant irid jagħti żewġ sentenzi jew aktar skont il-każ. Isegwi li għalkemm il-provi nstemgħu kontestwalment, il-Qorti kienet korretta meta tat żewġ sentenzi.

Dwar it-tieni parti ta' dan l-aggravju, ġaladarba l-fatti huma identiċi mal-imputazzjonijiet kif jidhru fil-komparixxi, l-artikolu 382 jkun soddisfatt bid-dikjarazzjoni ta' ħtija, tal-

artikoli, tal-piena u bil-fatti kif esposti fuq il-komparixxi jew fuq il-kopja dattilografata.

Għalhekk il-Qorti qed tiċħad ukoll dan it-tieni aggravju tal-appell.

**It-Tielet Aggravju**

I

t-tielet aggravju tal-appellant huwa li in difeża kien hemm raġuni tajba biżżejjed biex tiġġustifika n-nuqqas tagħha.

Ikkonsidrat

L-ewwelnett din il-Qorti tat digriet li x-xhieda jinstemgħu kontestwalment kemm għal dan l-appell kif ukoll għall-appell l-ieħor li fih hemm l-istess fatti b'dati different ital-allegat nuqqas ta' aċċess skont il-komparixxi l-oħra.

Dwar dan l-aggravju, il-Qorti reġgħet semgħet ix-xhieda mill-ġdid biex tista' tiżen is-sitwazzjoni kif ukoll tat iċ-ċans lill-Prosekuzzjoni, lill-parte ċivili u lid-difiża biex jagħmlu s-sottomissjonijiet li xtaqu jagħmlu.

Xehed ir-raġel tal-appellanti, Carmel Darmanin, li spjega kif fid-dati msemmija ma kellux aċċess għat-tfal ukoll jekk huwa mar fil-ħin li suppost kellu jarhom. Huwa xehed ukoll dwar id-diffikultajiet li nqalgħu minħabba li l-aċċess spiċċa jsir taħt ċerta superviżjoni.

Xehdet ukoll l-appellanti li qalet li dak iż-żmien kien hemm xi allegazzjonijiet ta' swat tat-tfal min-naħa tar-raġel. Kien għalhekk li l-aċċess ma setax isir u mhux b'kapriċċ jew għal xejn b'xejn.

Ikkonsidrat

Li fit-trattazzjoni mill-parte ċivili rriżulta li r-raġel tal-appellanta kien tressaq il-Qorti tla-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali iżda ma kien hemmx kundanna fil-konfront tiegħu għalkemm il-Maġistrat sedenti kien widdbu.

Minħabba li wieħed għandu jirrispetta d-deċiżjonijiet tal-Qorti u l-obbligazzjonijiet naxxenti minn ftehim ċivili, l-aċċess tat-tfal ma jistax ikun miċħud lill-parti l-oħra mingħajr varjazzjoni fid-digriet mogħti mill-Qorti jew fil-ftehim bonarju li jkun intlaħaq bejn il-partijiet.

Mill-provi li semgħet il-Qorti, l-imputazzjoni fil-komparixxi tirriżulta u ma tirriżultax b'mod ċar u konvinċenti xi raġuni xierqa għala hija kienet b'xi mod meħlusa minn dan l-obbligu. Għalhekk qed issib lill-imputata ħatja tal-imputazzjoni dedotta kontra tagħha.

Li hemm tajjeb hu li jidher li l-aċċess issa qiegħed jingħata regolarment.

**Temperament fil-piena.**

Fl-aħħarnett, b'mod sussidjarju l-appelanti talab temperament fil-piena. Il-Qorti ser tipprovdi dwar dan fil-parti dispożittiva.

**Konklużjoni**

Il-Qorti għalhekk, wara li rat l-artikolu 338 (ll) u 18 tal-Kap 9, qed tirrifomha s-sentenza mogħtija fl-ismijiet premessi fit-8 ta' Novembru, 2010 dwar id-dati kif esposti fil-komparixxi msemmija fl-ewwel paragrafu ta' din is-sentenza kif ġej: (i) qed tikkonfermaha f'dik il-parti tas-sentenza fejn sabet lill-appellanti ħatja tal-imputazzjoni dedotta kontra tagħha u qed (ii) tirriformaha u tbiddilha fejn ikkundannata għal ġimgħa detenzjoni u minflok, stante l-fedina penali tagħha u dak li nstema' waqt il-provi u t-trattazzjoni qed tikkundannaha tħallas ammenda ta' €58.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------